

# Il-Festi Ċċelebrati fil-Knisja ta' Santa Luċija

## FL-1936

**Dun Joseph Attard**




Fis-sezzjoni 49 intitolata «Cappellae» fl-Arkivju tal-Kurja Veskovili t'Għawdex jinsab dokument importanti datat 23 ta' Ottubru tal-1936 li jirrigwardja l-festi li kienu jiġu ċċelebrati fil-knisja ta' Santa Luċija f'Għawdex. Dan id-dokument hu miktub mis-saċerdot Antonio Mercieca, li eżerċita l-ministeru ta' Rettur tal-imsemmija knisja mill-1926 sal-1945, u hu intitolat «Elenco delle feste che si celebrano annualmente nella Chiesa di Santa Lucia Vergine e Martire», li tradott għall-Malti jfisser - Lista tal-festi li jiġu ċċelebrati ta' kull sena fil-knisja ta' Santa Luċija Verġni u Martri. Interessanti kif, ir-Rettur Mercieca f'dan id-dokument jikteb lista tal-festi l-aktar importanti li kienu jiġu ċċelebrati fil-knisja ta' Santa Luċija fl-1936. Ir-Rettur jindika li ħamsa kienu dawn il-festi.

L-ewwel waħda fil-lista, u l-aktar waħda importanti minnhom il-ħamsa, hija dik ta' Santa Luċija Verġni u Martri. Din il-festa kienet tiġi ċċelebrata bi Tridu solenni u kienet dejjem tkun f'Diċembru l-Ħadd li jaqa' eżatt wara l-ġurnata tal-festa liturġika proprja ta' Santa Luċija. It-tieni festa li jniżżel ir-Rettur Mercieca hija l-festa taċ-Ċinglu Qaddis ta' San Tumas t'Akwinu. Din il-festa kienet tiġi ċċelebrata l-Ħadd li jaqa' eżatt wara t-28 ta' Jannar. F'din il-ġurnata l-quddiesa kienet tkun kantata filwaqt li kienet issir ukoll it-talba tal-Vespri (it-talba ta' filgħaxija tal-brevjar) bil-paniġierku.

Il-Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù hija t-tielet festa li tinsab f'din il-lista. Din kienet tiġi ċċelebrata wkoll b'quddiesa kantata u kien ukoll isir il-paniġierku integrat mat-talba tal-Vespri. Mentri fit-tielet Ħadd ta' wara l-Għid il-Kbir tal-Mulej kienet tiġi ċċelebrata l-festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp, l-għarus kastissimu tal-Verġni Marija. Din il-festa tinsab miktuba r-raba' waħda fl-imsemmija lista tal-1936.

L-aħħar festa li s-saċerdot Antonio Mercieca jniżżel fil-lista hija dik tal-Madonna tas-Silġ li kienet tiġi ċċelebrata fil-5 t'Awwissu. Ta' min jgħid li din il-festa hija marbuta storikament mal-bini tal-bażilika ta' Santa Maria Maggiore li tinsab ġewwa l-belt ta' Ruma, u li hu mifhum li hija l-eqdem knisja Marjana li tinsab fil-punent tad-dinja.

Grazzi għar-Rettur Mercieca u għal din il-lista li huwa kiteb, illum mhux biss għadna ħjiel ċar ta' kif kienu jiġu ċċelebrati l-festi 83 sena ilu f'Santa Luċija, li ħafna mill-anzjani ta' żmienna jiftakru sewwa, imma nafu wkoll id-devozzjoni li l-poplu li kien jgħix f'dawn l-inħawi kellu sa minn dejjem. Ma ninsewx li ħafna mill-festi li jiġu ċċelebrati llum f'Għawdex normalment kellhom dejjem bidu popolari, jiġifieri bidu b'inizjattiva mill-poplu nnifsu jew tar-rettur/kappillan tal-post.

Hawn taħt qiegħed issa nipproduċi l-kliem bit-Taljan ta' dan id-dokument għall-interess tagħkom il-qarrejja u ta' min jifhem u japprezza l-lingwa Taljana.

A. M. D. G

«Elenco delle feste
che si celebrano annualmente
nella Chiesa di Santa Lucia
Vergine e Martire»

1. Festa di Santa Lucia V. e M. con triduo solenne.
Si celebra in Dicembre la Domenica susseguente al giorno proprio.

Festa del Cingolo santo di San Tomaso D'Aquino:
Messa cantata e Vesperi con panegirico; Si celebra in Gennaio la Domenica susseguenti al ventiottesimo giorno di detto mese; giorno proprio.

Festa del Sacro Cuore di Gesù.
Messa cantata e Vesperi con Panegirico. Si celebra infra ottava del giorno proprio.

Festa del Patrocinio di San Giuseppe Castissimo Sposo della B. V. Maria: Messa cantata con ministri e sermone si celebra la Domenica terza dopo Pasqua.

Festa di Santa Maria ad Nives con triduo di messe lette
Si celebra il giorno proprio cioè il dì cinque agosto.

Sac. Antonio Mercieca
Rettore della Chiesa di Santa Lucia

Visto ed approvato
23/x/36


1. Festa di Santa Lucia V. e M. con triduo solenne.
Si celebra in Dicembre la Domenica susseguenti al giorno proprio.


Elenco delle feste
che si celebrano annualmente
nella Chiesa di Santa Lucia
Vergine e Martire


Sac. Antonio Mercieca
Rettore della Chiesa di Santa Lucia